MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 1167/2005

**The General Soft Drinks Co. Ltd.**

**vs**

**Michael Bonnici**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta’ attrici ppremettiet:

Is-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta’ hamest elef, tlett mija u tlett liri maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm5,303.78), bilanc minn ammont akbar, prezz dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lil konvenut kif jirrizulta mill-anness rendikont immarkat dokument *“A”*;

L-ammont ghandu dovut *nonostante* illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fil-hmistax (15) ta' Jannar, 2003;

L-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi *a tenur* tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispens ghas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;

(2) Tikkundannah li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, tlett mija u tlett liri maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm5,303.78), bilanc minn ammont akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lil konvenut kif jirrizulta mill-anness rendikont immarkat dokument *"A"*;

Bl-imghaxijiet kummercjali u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Jannar, 2003 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici u lill-Avukat ta' l-istess socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------